MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 783/2000/1

Avviz Nru.: 783/00

Maltacom p.l.c.

Vs.

Joswil Galea

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ sitt mija u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm630.58), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 616754 u 572810 (skond kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ Dokument A) liema servizz gie stallat fil-fond a Barca Restaurant, Triq il-Gardiel, Marsascala, u dana skond ma kif jidher mill-annessi ‘service agreements’ Dok. B u C.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti avviz, tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti, u semghet lil P.L. Noel Scerri bil-gurament, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u l-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm630.58), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-14 ta' Gunju 2000, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------